

### Messaġġ mid-Direttur tal-Kor Pax Christi

# Il-Mużika ta' San Bert

## *(1863-2004)*

**Dun Karm Bezzina**

Għandna storja ġmielha dwar il-mużika fil-festa ta' San Bert. Ir-Reġistru ta-l-Veneranda Lampade mibdi fil-25 ta' Awissu 1863 fih ħafna tagħrif.

1. Bejn l-1863 u 1879, is-Surmast li kien jieħu ħsieb il-mużika fil-festa kien Dr Paolo Nani (1814 – 1904). Fl-1882 mhemmx isem tal-maestro di Cappella.
2. Fl-1887 jissema Antonio Schembri, sew għall-mużika fil-Vista Pastorali ta' l-Isqof (15 ta' Frar), sew għall-Ewwel Għasar, Matutin, u Kompieta, vuċijiet u kuntrabaxx, fil-Festa ta' San Bert.
3. Fl-1888 jidher l-isem ta' Mro Riccardo Bugeja (1845 – 1926).
4. Bejn is-snin 1892 – 1895 insibu lil Mro Francesco Decesare jmexxi l-festa.
5. Fl-1897, reġgħu daħħlu lil Antonio Schembri għall-Għasar u Quddiesa,
6. F'nota, naqraw li fl-1898 sar ħlas ta' lira (£m1) lil Dun Nicola Sciberras għal- Għasar u Matutin tal-Festa. Dan l-istess Dun Nikol (bil-kunjom Sciberras Azzopardi) tana l-Innu ta' San Bert fl-1891, li għadna nkantawh fid-dħul tal-purċissjoni. Huwa ħa ħsieb il-Vespri u l-Matutin fis-snin 1899, 1901 u 1902. Huwa msejjaħ ukoll bħala'*"Don Nicola del Naxaro"*, u għamel diversi snin organista tal-parroċċa tagħna. Nerġgħu nsibuh għall-muzika tat-tridu bejn is-snin 1904 u 1906.
7. Għall-Quddiesa u t-Tieni Għasar bejn l-1902 u 1907 ġabu lis-Surmast Riccardo Buġeja.
8. Mill-1907 sal-1915 kellna l-organista Ġovanni Battista Gatt. U fl-1912 insibu lil Ġovanni Battista Grech għat-Tridu u l-Matutin ta' San Bert.
9. Fl-1916 niltaqgħu mad-Direttur Alfonso Kissaun, għal diversi servizzi esegwiti fit-Tridu u fil-Festa. Dan kompla jieħu ħsieb sa l-1921.
10. Għandna riċevuta bid-data tad-29 ta' Awissu 1922 li turi lil Ferdinando Camilleri (1858 – 1942) bħala surmast tal-Festa. Għal żmien twil bqajna nisimgħu l-famużi responsorji tal-Matutin miktubin minnu għal Ħal Luqa u Ħal Gargur. Dawn kompla jsemmagħhomlna ibnu Mro Giuseppe Camilleri li daħal warajh fis-snin Tletin.
11. Giuseppe Camilleri kien laħaq Assistent Direttur tat-Teatru Rjal bejn 1926 u 1934, u għalhekk għall-Festa kien iġib miegħu l-aħjar mużiċisti, bħal żijuh Agostino (vjolinista), u kantanti bħal Cefai, Zammit Harrison, Oreste Chircop, u Jackie Aloisio. Huwa kien imqabbad għall-festa kollha bit-Tridu, l-Għasrien u l-Quddiesa Solenni. Bħala organista tat-Tridu u l-matutin kien jibgħat lil Nazju Sant (il-Blejti), mir-raħal tagħna, li kien joqgħod Birkirkara.
Mro Camilleri dam jagħtina s-servizz tiegħu sakemm ma baqax jiflaħ. Miet fid-19 ta' Awissu 1976.
12. Minfloku, imma bl-istess mużika tiegħu, daħħal Dun Ġużepp Cachia għall-Quddiesa u l-Għasar tal-Festa. Għat-Tridu u lejlet il-festa kif ukoll il-Barka ta' l-aħħar, beda jaħseb il-Kor'*"Pax Christi"* tal-parroċċa.
13. Mill-1982 sa l-2002 Mro Carmelo Callus kien imexxi l-Quddiesa Solenni u l-Għasar tal-Festa.
14. Fis-Sena 2003 reġgħet bdiet issir il-Quddiesa l-Kbira ta' Mro G. Camilleri taħt id-direzzjoni ta' Mro Christopher Muscat.

VASSALLO CONSTRUCTION CO. LTD.
32, Eucharistic Congress Rd, Mosta MST 04 – Malta
Tel: 2141 3559 • Mob: 9949 4836 / 9949 0035
*Jawguraw il-Festa t-Tajba*